MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 859/14LM

**Samuel Leone Ciantar (K.I. 165987M)**

***vs.***

**Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited (C 17421)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-2 ta' Ottubru, 2014 mill-attur **Samuel Leone Ciantar** (K.I. Numru 165987M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minn Samuel Leone Ciantar innifsu, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-attur huwa impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala labourer;*
2. *Illi nhar it-3 ta' Jannar, 2012, l-attur kien involut f'inċident li okkorra ġewwa Triq il-Pitkali, Attard, waqt li l-attur kien qed jaħdem fuq inkarigu mogħti lilu mis-soċjetà konvenuta;*

3. *Illi bil-konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur sofra debilità permanenti f'persuntu u dan kif jirriżulta mir-rapport tal-Konsulent Ortopediku Mr C. J. Sciberras hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. SC 1';*

4. *Illi dan l-inċident seħħ unikament bi ħtija tas-soċjetà konvenuta b'konsegwenza ta' unsafe work practices, traskuraġni, negliġenza, u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti li jħarsu lill-ħaddiem fuq ix-xogħol;*

5. *Illi għalhekk l-attur sofra danni inġenti kemm f''lucrum cessans' u kif ukoll f''damnum emergens' u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-3 ta' Jannar, 2012 ġewwa Triq il-Pitkali, Attard, u li fih korra l-attur bil-konsegwenza li sofra danni fuq il-persuna tiegħu;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rikorrenti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali datata 5 ta' Novembru, 2013 u bl-imgħaxijiet legali, kontra s-soċjetà konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited** (C 17421) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Ottubru, 2014, u maħlufa minn Alessandro sive Sandro Mallia (K.I. Numru 215766M), direttur tas-soċjetà konvenuta, f'isem u għan-nom tal-istess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi s-soċjetà konvenuta tiċħad l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi l-attur naqas milli jesponi u jippreżenta dettalji dwar l-inċident relattiv, b'mod illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tagħmel apprezzament ta' fatti permezz tar-rikors promutur;*

3. *Illi madanakollu s-soċjetà konvenuta sejra telenka d-dettalji tal-każ u kif il-fatti żvolġew, tant li l-inċident surriferit seħħ unikament minħabba traskuraġni, u nuqqas ta' kont u ħila tal-attur;*

4. *Illi, fit-3 ta' Jannar, 2012, ċertu Aleandro Parnis, impjegat bħala truck driver mas-soċjetà esponenti, ngħata ordni sabiex isuq u jittrasporta vettura kummerċjali magħrufa bħala tugmaster minn Ta' Qali sal-bitħa ossia yard tas-soċjetà esponenti li tinsab fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard;*

5. *Illi bil-għan li tingħata deskrizzjoni tal-vettura relattiva, ċioe tugmaster, din tikkonsisti minn truck, magħruf ukoll fl-industrija bħala 'żiemel', li għandu kabina 'single seater', li jintuża appożitament sabiex jigganċja u jiġbed trailers għall-ġarr ta' containers;*

6. *Illi s-soċjetà esponenti tiċċara li s-soċjetà esponenti ma ħarġet ebda ordni sabiex l-attur jassisti lil Parnis, u li fil-fatt fuq kull inkarigu ta' trasport dejjem ikun preżenti biss xufier wieħed, li qatt ma jkun assistit;*

7. *Illi f'dan is-sens is-soċjetà esponenti tista' biss tikkonkludi li ż-żewġ ipoteżi plawsibbli huma li jew kien Parnis (mingħajr awtorizzazzjoni) li sejjaħ lill-attur sabiex jakkumpanjah, jew alternattivament kien l-attur stess (ukoll mingħajr awtorizzazzjoni) li naqas mill-obbligi tiegħu u li rikeb fuq it-tugmaster fil-vjaġġ relattiv;*

8. *Illi inkarigat fil-vettura relattiva kien biss Aleandro Parnis, skont direzzjoni ta' Etienne Mallia, superjur tiegħu, li tah ordni ċara sabiex, kif ingħad, jittrasporta t-tugmaster minn Ta' Qali sal-bitħa ossia yard fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard;*

9. *Illi ulterjorment, is-soċjetà esponenti ma tistax tifhem kif, għal raġunijiet kategorikament barra mid-direzzjoni jew ordni tal-prinċipali u/jew is-superjuri tiegħu, l-attur iddeċieda jitla' fuq it-tugmaster, tant li meta l-vettura misjuqa minn Parnis daret għal ġewwa l-entrata tal-yard fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard, l-attur safa inkastrat bejn il-vettura u t-trailer ossia karru;*

10. *Illi b'mod kategoriku, u in anteprima, is-soċjetà konvenuta tiċħad li b'xi mod kienet qatt xi darba tordna jew tidderieġi li impjegat jitla' fuq il-vettura – partikolarment minħabba il-periklu ċar u manifest, liema deċiżjoni kienet*

*unikament tal-attur u kompletament barra mid-direzzjonijiet jew ordnijiet jew taħriġ mill-management jew operat tas-soċjetà esponenti! – inċidentalment, wieħed għandu jsemmi wkoll li f'għoxrin sena ta' operat is-soċjetà esponenti qatt ma kellha inċidenti ta' din in-natura, u qatt ma ħarġet ordni jew inkarigu kif allegat mill-attur, ordni li hija kompletament barra mill-prassi;*

11. *Illi għalkemm il-fatt li seħħ inċident mhuwiex ikkontestat mis-soċjetà esponenti, skont ir-rapport mediku redatt mill-kirurgu Mr C. J. Sciberras (ippreżentat mill-attur), jidher ċar u inekwivoku li l-ewwel intervent kirurġiku magħmul mill-attur kellu jiġi korrett permezz ta' intervent ieħor fit-18 ta' Jannar, 2012;*

12. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'dan is-sens, in-ness tad-danni reklamati mill-attur huwa wkoll disputabbli fid-dawl tar-rapport mediku msemmi, b'dan illi jitqajjem dubbju minn fejn tirriżulta d-debilità permanenti riportata – jekk huwiex mill-inċident innifsu jew mill-ħtieġa ta' intervent ta' korrezzjoni, dejjem skont dak espost mill-kirurgu Mr C. J. Sciberras li eżamina lill-attur, u kif sejjer jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;*

13. *Illi ulterjorment, in-nuqqas ta' għaqal tal-attur f'din l-okkażjoni, ma kienx każ iżolat – fil-passat l-attur ma esegwiex l-ordnijiet u d-direzzjoni tal-prinċipali u s-superjuri tiegħu, fejn ġie mwissi kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub mill-prinċipali tiegħu illi l-komportament u l-imġieba tiegħu fuq ix-xogħol ma kinux sodisfaċenti, u di più, kien ukoll kisser battery operated lift truck unikament minħabba traskuraġni tiegħu, li wassal għal danni għas-soċjetà esponenti ammontanti f'eluf ta' Euro;*

14. *Illi in segwitu tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-attur ma rrapurtax għax-xogħol u li s-soċjetà esponenti dejjem ottemperat ruħha mal-obbligi tagħha ta' prinċipal skont il-liġi;*

15. *B'riserva illi s-soċjetà konvenuta titlob in-nomina ta' periti nominandi, b'riferenza għad-danni reklamati mill-attur.*

*Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti tirrespinġi l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u titlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta meta safa korrut waqt inċident fuq il-post tax-xogħol waqt li kien riekeb fuq il-parti ta' wara ta' inġenju magħruf bħala *tugmaster* li skiddja, u l-attur spiċċa maqbud bejn it-*tugmaster* u t-*trailer* li kien qiegħed iġorr. Kawża tal-inċident l-attur sofra diversi ġrieħi tant li kellhom isirulu żewġ interventi kirurġiċi, wieħed dakinhar stess tal-inċident, u ieħor xi jiem wara minħabba li l-ewwel intervent ma kienx irnexxa mija fil-mija. Jirriżulta wkoll li minn wara dan l-inċident, l-attur qatt ma reġa' ħadem aktar, u dan minkejja li jidher li għadu rreġistrat fuq il-kotba tas-soċjetà konvenuta bħala impjegat tagħha.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha wieġbet li r-responsabbilità għal dan l-inċident m'għandhiex tiġi attribwita lilha, u li dan l-inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni u nuqqas ta' kont u ħila da parti tal-attur, u

konsegwentement l-ebda grad ta' ħtija m'għandu jiġi addebitat lilha u lanqas m'għandha tinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-attur.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors promutur imressaq minnu, l-attur ippreżenta kopja tar-rapport mediku mħejji minn Mr Carmel Sciberras[1], konsulent ortopediku, li fir-rapport tiegħu[2] ddeskriva l-mod kif seħħ l-inċident tat-3 ta' Jannar, 2012. Jidher li l-attur kien riekeb fuq wara ta' inġenju magħruf bħala *tugmaster* appartenenti lis-soċjetà konvenuta, meta għal xi raġuni dan skiddja bir-riżultat li l-attur, li kien riekeb fuq wara, inqabad bejn il-*container* u l-kabina tat-*tugmaster.* Skont ir-rapport ta' Mr Sciberras, l-attur mill-ewwel ħass uġigħ kbir f'siequ l-leminija, u wara li ttieħed l-Isptar għall-kura, irriżulta li kellu ksur f'siequ tal-lemin. Minħabba n-natura tal-ġrieħi sostnuti minnu, l-attur kellu bżonn intervent kirurġiku, u minkejja li ġie operat dakinhar stess tal-inċident, fit-18 ta' Jannar, 2012, huwa kellu jerġa' jiġi operat minħabba li l-ksur li kellu ma kienx qiegħed jagħqad kif suppost. Il-konsulent mediku Mr Sciberras ikkonstata li l-attur ħareġ mill-Isptar madwar ġimgħa wara l-inċident, u li għal perijodu ta' tmien ġimgħat kellu bżonn jagħmel użu mill-krozzi. Il-feriti li l-attur kellu f'diversi partijiet minn saqajh kellhom jitnaddfu diversi drabi, u sa Ġunju tal-2013, id-data li fiha nkiteb ir-rapport, l-attur kien għadu ma rritornax lura għax-xogħol.

Mr Sciberras qal ukoll li sa dakinhar li eżamina lill-attur, dan la seta' jitbaxxa u lanqas jogħqod għarkobbtejh, u li kien għad għandu diffikultajiet biex jitla'

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] Li jġib id-data tal-5 ta' Ġunju, 2013.

turġien u slielem. L-attur kien għadu jħoss uġigħ f'saqajh b'mod frekwenti u meta jgħejja l-attur jibda jzappap. Fil-fatt sa dak iż-żmien, l-attur kien għadu ma jistax jimxi għal tul ta' aktar minn għoxrin minuta, u lanqas ma seta' jiġri, jaqbeż jew jirkeb rota. L-attur kien spjega lil Mr Sciberras li hu kien għadu jbati meta jiġi biex jerfa' oġġetti tqal, kif ukoll li kellu jieqaf minn attivitajiet sportivi minħabba l-uġigħ li jħoss.

Fil-parti konklussiva tar-rapport Mr Sciberras jgħid:

> *"Mr. Ciantar's right femoral fracture has healed soundly with possibly some malrotation (causing the hip movement disrepancy and inability to cross right leg over left).*
>
> *The scars are permanent.*
>
> *The shortening (albeit slight) is also permanent.*
>
> *I am rather concerned about his knee. This seems unstable (giving way occasionally). Also, on clinical examination, there seems to be damage to the anterior cruciate ligament and the lateral collateral ligament. Such instability may accelerate degenerative changes in the knee. There is already some crepitus (MRI to confirm cannot be done because of the plate).*
>
> *As regards the metalwork still in place – Most surgeons would not remove such metalwork unless there are problems, the main one being infection. Removing metal is not without its potential problems – those related to general anaesthesia, and those related to the femur itself – blood loss, infection and refracture in the days following operation because the bone is weak until all the screw holes are filled up with solid bone.*
>
> *Finally, with such an injury, Mr. Ciantar may have difficulty finding a job that suits his capabilities.*
>
> *Disability: 14%."*

L-attur esebixxa wkoll kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta minnu lis-soċjetà konvenuta fil-5 ta' Novembru, 2013[3], li permezz tagħha hu interpellaha tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-inċident.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha esebiet għadd ta' ittri mibgħuta lilha mill-*Industrial Injuries Board* li jaqa' taħt ir-responsabbilità tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li permezz tagħhom il-Bord kien jinforma lis-soċjetà konvenuta li l-attur deher quddiem il-Bord, u li ġie ċċertifikat li ma jistax imur għax-xogħol għal perijodi ta' tmien ġimgħat kull darba.[4] Is-soċjetà konvenuta esebiet ukoll kopja ta' ittra bid-data tad-9 ta' Diċembru, 2011[5], li permezz tagħha l-attur ingħata twissija wara li wera nuqqas ta' rispett u nuqqas ta' interess waqt sessjonijiet ta' taħriġ organizzati mis-soċjetà konvenuta, li magħha hu kien impjegat.

L-attur għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit*[6], fejn ikkonferma li hu kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta bħala *labourer* u *driver* u li kien ilu hekk impjegat għal madwar sitt xhur meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża. L-attur qal li x-xogħol tiegħu kien jinvolvi s-sewqan ta' vettura magħrufa bħala *tugmaster,* u li biha kienu jinġabru *containers* tas-soċjetà konvenuta li kienu jittieħdu ġewwa *yard* tas-soċjetà konvenuta ġewwa Triq il-Pitkali, Ħ'Attard. Ix-xhud spjega l-mekkaniżmu li bih it-*tugmaster* jiġbed *container*. Hu kompla jgħid kif dakinhar tal-inċident kien irrapporta għax-xogħol fis-7:30a.m. u kien ingħata ordni biex imur flimkien ma' Aleandro Parnis iġib *container* minn Ta' Qali. Hu kompla jgħid li t-*tugmaster* hija *single-seater* iżda dejjem kienu jintbagħtu żewġ persuni biex iġibu l-*containers* biha, u dan sabiex it-trakk ikun

---

[3] *A fol.* 9 tal-proċess.
[4] Kopji tal-ittri *a fol.* 16 sa *fol.* 22 tal-proċess.
[5] *A fol.* 23 tal-proċess.
[6] *A fol.* 27 tal-proċess.

jista’ jiġi mmanuvrat aħjar, billi wieħed isuq u l-ieħor jagħti d-direzzjoni. L-attur qal ukoll li wara l-inċident tiegħu, is-soċjetà konvenuta bidlet il-mod kif topera, tant li persuna waħda biss bdiet titħalla titla’ fuq it-trakk u mhux tnejn. L-attur kompla jgħid li s-soċjetà konvenuta saħansitra introduċiet proċedura fejn jekk fuq it-trakk ikun hemm aktar minn persuna waħda, din tingħata twissija mid-diriġenti tas-soċjetà konvenuta. Hu sostna iżda li qabel l-inċident tiegħu, kienet meqjusa prassi normali li fuq it-*tugmaster* jitilgħu żewġ persuni, wieħed biex isuq u l-ieħor biex joqgħod wara x-xufier. L-attur qal li dakinhar tal-inċident, hu kien mar ma’ kollega tiegħu sabiex jiġbdu *container* minn Ta’ Qali lejn il-*yard* tal-kumpannija f’Ħ’Attard, u li minkejja li kienu qegħdin isuqu bil-mod, għal xi raġuni t-trakk skiddja u l-*container* dar fid-direzzjoni tat-trakk, bil-konsegwenza li t-trakk bil-*container* ġie f’pożizzjoni qisha imqass u hu spiċċa maqbud bejn il-*container* u l-kabina tat-trakk. B’riżultat tal-inċident l-attur spiċċa b’siequ l-leminija u bi tliet swaba’ minn idejh maqbudin, u l-persuna li kienet qiegħda ssur it-trakk, ċertu Aleandro Parnis, kellu jsuq ftit it-trakk sabiex l-attur seta’ joħroġ saqajh minn bejn il-*container* u t-trakk. L-attur qal ukoll li kien hemm xi ħaddiema li ġabu lieva biex illevaw il-*handle* tal-bieba tat-trakk, u b’hekk huwa seta’ joħroġ idu. Qal ukoll li kien qiegħed iħoss uġigħ kbir u li kellu ħafna demm ħiereġ minn saqajh, tant li ftit tal-ħin wara ttieħed l-Isptar bl-ambulanza. L-attur qal ukoll li hekk kif daħal l-Isptar ingħata l-morfina, u ftit tal-ħin wara ġie operat. Qal ukoll li l-għada tal-operazzjoni sarulu xi testijiet u ttieħdulu xi *X-Rays* minn fejn irriżulta li kellu bżonn intervent ieħor, liema intervent sar madwar ġimagħtejn wara.

L-attur qal li wara li ħareġ mill-Isptar dam xhur rikoverat id-dar, fejn kellu bżonn ħafna għajnuna mingħand familjari tiegħu, u fejn seta’ jiċċaqlaq biss bl-użu tal-krozzi. Qal ukoll li f’dan iż-żmien kellu bżonn sessjonijiet tal-

fiżjoterapija, u li minkejja dan huwa dam ma ra progress, tant li għal xi xhur wara li neħħa l-krozzi baqa' jbati mill-uġigħ u ma kienx jista' jimxi sew. L-attur qal li minkejja li wara xi żmien reġa' beda jimxi, hu kien għadu jbati minn uġigħ f'saqajh, kif ukoll minn moviment limitat f'saqajh. L-attur qal li konsegwenza ta' dan hu tilef ħafna mis-saħħa ta' siequ, tant li ma kienx jista' jqatta' ħin twil bilwieqfa. L-attur qal li l-kirurgu li operah, Mr Massimo Abela, kien ikkonstata li d-diżabilità permanenti sofferta minnu kienet ta' 8%, filwaqt li l-Bord tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li kien segwa l-każ tal-attur, kien ikkonkluda li huwa kien sofra diżabilità permanenti ta' 17%. Qal ukoll li minħabba f'din l-evalwazzjoni li saret mill-Bord tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, hu kien ingħata ħlas ta' €3,968.91 ta' darba, liema ħlas inħareġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u mhux mis-soċjetà konvenuta.

L-attur qal li in vista tad-diskrepanza bejn il-perċentwal tad-diżabilità sofferta minnu kif ikkonstatat minn Mr Massimo Abela, u dak li kkonstata l-Bord tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, hu kien mar għand Mr Carmel Sciberras sabiex dan min-naħa tiegħu jeżaminah u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fir-rigward tad-debilità permanenti sofferta minnu. Fil-fatt Mr Sciberras ikkonkluda li l-attur sofra minn debilità permanenti ta' 14%.

L-attur qal li għax-xhur ta' Jannar u Frar tas-sena 2012, hu kien irċieva paga normali mingħand is-soċjetà konvenuta, iżda sussegwentement kien hemm diffikultajiet biex lilu tinħariġlu l-paga, għalkemm kien tħallas għall-perijodu bejn Marzu 2012 u Settembru 2012 permezz ta' pagament ta' darba. Qal ukoll li wara xi żmien il-benefiċċji soċjali li kien jirċievi twaqqfulu. Hu qal ukoll li hu baqa' qatt ma ġie ċċertifikat li jista' jirritorna għax-xogħol, u li għalkemm kien hemm żmien li fih rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta kienu jikkuntattjawh

u jistaqsuh meta kien fi ħsiebu jirritorna għax-xogħol, wara li bagħat l-ewwel ittra bl-avukat, dawn waqqfu kull kuntatt miegħu.

L-attur esebixxa għadd ta' dokumenti, fosthom ir-rapport mediku redatt minn Mr Massimo Abela[7], kopja ta' ittra maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali[8] li tindika li l-attur kien irċieva €3,968.91 bħala *gratuity* għall-inkapaċità, kopja tal-kont ta' Mr Carmel J. Sciberras[9], dikjarazzjoni maħruġa mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali[10] li tindika li l-attur irċieva €4,927.95 fi dħul minn benefiċċji, *allowances* u pensjonijiet minħabba korriment fuq il-post tax-xogħol, kopja ta' ittra oħra maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li fiha l-attur kien ġie infurmat li wara l-14 ta' Frar, 2013 hu ma kienx ser jibqa' jirċievi benefiċċji minħabba li kien eċċeda n-numru ta' kontribuzzjonijiet imħallsa[11], dikjarazzjoni dwar l-ammont totali ta' benefiċċji, *allowances* u pensjonijiet imħallsa lilu taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali[12], kopji tal-FS3s għas-snin 2011 u 2012[13], u sensiela ta' ritratti li juru l-*iscarring* li hu għandu f'saqajh.[14]

Omm l-attur, **Margaret Ciantar** ukoll għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit*[15], fejn qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, binha kien ittieħed l-Isptar b'ambulanza u ftit tal-ħin wara ġie operat. Ix-xhud qalet ukoll li l-għada tal-operazzjoni kien

[7] *A fol.* 32 tal-proċess. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Mr. Abela kkonkluda hekk: "*Mr. Samuel Ciantar suffered an injury of a grievous nature following a traumatic incident at his workplace on 03/01/2012. He sustained an open fracture of the right femur that required surgical stabilisation. Although the fracture has healed there is clinical evidence of shortening (2cm) and of rotational malunion. There is a possiblity he may come to need removal of the DCS plate and, in view of the fact that the fracture was open, there is also a possibility of recurrent infections in the future. In view of the above I rate Mr Samuel Ciantar's level of permanent disability at 8%.*"
[8] *A fol.* 37 tal-proċess.
[9] *A fol.* 38 tal-proċess.
[10] *A fol.* 39 tal-proċess.
[11] *A fol.* 40 tal-proċess.
[12] *A fol.* 41 tal-proċess.
[13] *A fol.* 42 u 43 tal-proċess.
[14] *A fol.* 44 sa 46 tal-proċess.
[15] *A fol.* 51 tal-proċess.

kellimhom Mr Massimo Abela, il-kirurgu li għamel l-intervent fuq l-attur, li infurmahom li l-operazzjoni ma kinitx irnexxiet mija fil-mija, u li kien hemm il-ħtieġa ta' intervent ieħor, li kien sar fit-18 ta' Jannar, 2012. Ix-xhud qalet ukoll li binha dam żmien twil ma jistax jimxi, u li hi kienet għamlet ħafna żmien id-dar sabiex tassisti lil binha li ma seta' jagħmel xejn waħdu. Qalet ukoll li binha kien qiegħed ibati ħafna minħabba li kien tilef l-indipendenza tiegħu għal xi żmien. Hi kompliet tgħid li minkejja li binha għamel diversi sessjonijiet ta' fiżjoterapija, hu kien dam ma beda jara riżultati, u għal żmien twil kien iħossu li qed jgħejja, u kien iħoss ħafna wġigħ ukoll. Ix-xhud ikkonfermat li wara l-inċident u l-interventi li saru fuq binha, hu kellu jagħmel diversi spejjeż marbuta mal-kura li kien jeħtieġ. Ix-xhud qalet ukoll li binha spiċċa dipendenti fuqha sabiex twasslu fejn ikollu bżonn u partikolarment għas-sessjonijiet ta' fiżjoterapija, bi spejjeż addizzjonali għaliha. Hi kkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li binha ma jistax jagħmel ħinijiet twal fuq saqajh u lanqas m'għadu jipprattika l-isports li kien iħobb.

Fl-udjenza tas-17 ta' April, 2015 xehed **Mr Carmel Sciberras**[16], *consultant orthopaedic surgeon,* li xehed li huwa kien eżamina lill-attur wara l-inċident li kellu fuq trakk, meta għeleb *container* u saqajh inqabdet bejn il-*container* u t-trakk. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kellu *fracture* tal-għadma tal-koxxa, u li l-operazzjoni kienet tinvolvi riparazzjoni ta' saqajn l-attur bil-metall. Qal ukoll li l-ewwel operazzjoni ma tantx irnexxiet u li l-attur kellu bżonn operazzjoni oħra biex setgħet tissewwa l-ħsara li kien hemm. Ix-xhud ikkonstata wkoll li l-ferita tal-attur damet ma għaqdet, u meta eżaminah sab li l-irkoppa kienet pjuttost instabbli. Qal li dan jista' jwassal għal ħsara fil-*meniscus,* fil-*cartridge* u jista'

---

[16] *A fol.* 64 tal-proċess.

jkun hemm artrite fl-irkoppa qabel iż-żmien. Mr Sciberras qal li l-gravità tal-ferita hi minħabba li l-ħsara damet aktar minn tletin ġurnata biex tissewwa, u minħabba li hemm problema bil-*ligament*. Ix-xhud qal li l-ħajja tal-attur inbidlet fis-sens li hu kellu jwaqqaf l-isports li kien jipprattika minħabba li l-irkoppa mhix stabbli. Dwar il-ħtieġa għat-tieni intervent, ix-xhud qal:

> "Ġieli jiġri li meta tagħmel intervent fi stat ta' emerġenza, taċċetta anke ċertu affarijiet naqra mhux eżatt però imbagħad meta l-affarijiet jibdew jissettiljaw tgħid isma' mhux se nħallih hekk lil dan. Sakemm għadek fiċ-ċans, ovvjament jekk tħallih ħafna jilħaq jagħqad f'dik il-pożizzjoni ħażina imma sakemm għadek fiċ-ċans tista' tirranġa. Wara ftit ġranet jiġifieri rranġawha."

Fl-udjenza tas-17 ta' April 2015 xehed il-psikjatra **Dr Mark Xuereb**[17], prodott mill-attur, li qal li hu eżamina lill-attur u seta' jikkonstata li dan kien qiegħed isofri minn *post traumatic stress disorder* li wasslitu għal tibdil fil-personalità tiegħu. Ix-xhud ta eżempji ta' kif l-attur inbidel, bħall-fatt li beda jħossu konxju meta jmur jgħum minħabba fl-*iscarring* li għandu f'saqajh, il-fatt li ma setax jibqa' jagħmel ċertu sports, il-fatt li ma jistax jibqa' jmur il-*gym,* jew isuq ċertu tip ta' karozzi. Ix-xhud qal li seta' jikkonstata li l-attur huwa persuna vulnerabbli u li jista' jkollu problemi ta' dipressjoni fil-futur, minħabba li hemm ċertu aġġustament soċjali li jrid jadatta ruħu għalih. Ix-xhud qal ukoll li l-attur ma jistax jaħdem f'impjieg li jħossu adattat għalih, bħalma hu xogħol fuq il-mekkanika tal-karozzi, u li l-fatt li l-attur jaf li għandu ċertu restrizzjonijiet f'saħħtu minħabba l-inċident, bħall-fatt li ma jistax joqgħod tul ta' ħin fuq saqajh jew jibda jzappap, jistgħu jwassluh għal sitwazzjoni fejn ikollu bżonn terapija fit-tul sabiex jitgħallem jgħix bir-restrizzjonijiet li qiegħed jesperjenza. Ix-xhud qal ukoll li r-restrizzjonijiet li għandu l-attur f'ħajtu qegħdin

[17] *A fol.* 68 tal-proċess.

jaffettwawh b'mod sinifikattiv, u dan il-fattur qiegħed ipoġġih f'riskju akbar li jsofri minn dipressjoni.[18]

Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta' rapport mediku li hu ħejja wara li eżamina lill-attur[19], li fih ikkonstata li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' natura psikoloġika ta' 20%, li x-xhud iddeskriva b'dan il-mod:

> "*Occupational and social impairment with occasional decrease in work efficiency and intermittent periods of inability to perform occupational tasks due to such symptoms as: depressed mood, anxiety, suspiciousness, panic attacks, chronic sleep impairment, mild memory loss (such as forgetting names, directions, recent events).'*

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2015 xehed il-kirurgu ortopediku **Mr Massimo Abela**, li qal li huwa kien opera lill-attur dakinhar tal-inċident fit-3 ta' Jannar, 2012, fejn kien sar tentattiv biex il-ksur jiġi stabbilizzat bi pjanċa. Ix-xhud qal li minħabba problemi li nqalgħu waqt l-operazzjoni, kien hemm il-ħtieġa ta' intervent kirurġiku ieħor minħabba li r-riżultat tal-ewwel operazzjoni kien 'inaċċettabbli' u dan minħabba li l-għadma baqgħet mgħawġa. Ix-xhud qal li l-attur dam jimxi bil-krozzi għal madwar tmien xhur u li wara dak iż-żmien hu kien reġa' beda jimxi u jsuq. Ix-xhud qal li hu kien invista lill-attur fid-19 ta' Frar, 2013 għall-finijiet ta' dan ir-rapport mediku, u dakinhar l-attur kien għadu qiegħed jilmenta minn uġigħ fl-għadam, l-aktar meta jitħabat.[20] Ix-xhud

---

[18] Ix-xhud iddeskriva dawn il-problemi b'dan il-mod: "... anki sempliċiment taħsel karozza forsi, *you have to stop, take breaks, jiġifieri any job which he can possibly take is going to be extremely limited by this to the extreme that probably no job will be available at all. Or if it is it has to be a lot of leniency for time off, days off, pain, instability, secondary arthritis, treatment for post traumatic stress depression and personality changes.* Għax *post traumatic stress is long term, depression is long term and personal changes unfortunately is the most in long terms*."

[19] *A fol.* 73 tal-proċess.

[20] Fi kliem ix-xhud, il-problemi li kien qiegħed ikollu l-attur kienu jinkludu:"Qalli li ma kienx kapaċi jimxi għal aktar minn għoxrin minuta u qalli li wara li jimxi daqshekk ikollu jieqaf ipoġġi biex jistrieħ. Dak iż-żmien kellu problemi biex jitla' u jinżel it-taraġ, ma kienx kapaċi jinżel kokka, jinżel għarkupptejh u meta kien ikun muġugħ kien jieħu Catafast. Meta eżaminajtu jiem kellu ċikatriċi fuq in-naħa ta' barra l-koxxa tal-lemin, twila tletin ċentimetru u kellu ċikatriċi fuq l-għadma ta' meta ġara l-inċident ta' għaxar ċentimetri. Kellu xi feriti oħra ta' għaxar ċentimetri kf qed juri r-rapport."

qal li peress li sieq l-attur baqgħet qasira, u in vista tal-fatt li fil-futur jista' jsofri minn infezzjonijiet, id-diżabilità permanenti tiegħu ġiet stabbilita li qiegħda fil-grad ta' 8%. Ix-xhud qal li minn *X-ray* speċjali li ttieħed tas-sieq, ġie stabbilit li sieq minnhom hi żewġ ċentimetri aqsar mill-oħra. Ix-xhud spjega li filwaqt li hu normali li jkun hemm diskrepanzi fit-tul tas-saqajn minn persuna għal oħra, madanakollu diskrepanza ta' żewġ ċentimetri tfisser li l-ġisem ma jkunx jista' jikkompensa għaliha u jibdew jiġu manifestati problemi oħrajn. Mistoqsi jekk il-problemi li qiegħed jesperjenza l-attur humiex riżultat tal-fatt li wara l-ewwel operazzjoni ġie innutat li kien hemm problemi li ma kinux aċċettabbli, ix-xhud qal li l-problema ewlenija kienet li waqt l-ewwel operazzjoni, minflok ma reġgħet twaħħlet l-għadma, din ġiet stabbilizzata dritta, u kien hemm angolazzjoni żgħira. Ix-xhud kompla jispjega li hemm evidenza li tindika li meta dawk l-angolazzjonijiet ma jiġux ikkoreġuti, l-irkoppa tbati, xi ħaġa li hu ħass li ma kinitx aċċettabbli u kien għalhekk li l-attur ngħata l-parir li jgħaddi għat-tieni operazzjoni. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tar-rapport mediku mħejji minnu.[21]

Fl-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2016, xehed il-**P.L. Sean Meli**[22], in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali, li esebixxa kopja tad-dokumenti b'dettalji dwar il-benefiċċji li rċieva l-attur mid-Dipartiment in segwitu għall-inċident mertu ta' din il-kawża.[23] Ix-xhud spjega li dokument minnhom jirrigwardja l-fatt li l-attur deher quddiem il-Bord Mediku tad-Dipartiment għadd ta' drabi bejn is-16 ta' Frar, 2012 u t-3 ta' Mejju, 2013. Ix-xhud qal li wara li l-attur ġie eżaminat mill-Bord Mediku tad-Dipartiment fit-3 ta' Mejju, 2013, ġie stabbilit li hu qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' 17%. Ix-xhud esebixxa

[21] *A fol.* 101 tal-proċess.
[22] *A fol.* 118 tal-proċess.
[23] *A fol.* 121 *et seq.* tal-proċess.

dokument uffiċjali[24] li jindika li l-attur ingħata *disablement gratuity* ta' €3,968.91, benefiċċju minħabba korriment fuq xogħol fis-somma ta' €5,200.56 u benefiċċju tal-mard fis-somma ta' €369.29, għal total ta' €9,538.76.

Fl-istess udjenza xehdet **WPC 341 Leanne Farrugia**[25], li ppreżentat kopja tar-rapport tal-Pulizija[26] fir-rigward tal-inċident tat-3 ta' Jannar, 2012, liema rapport kien tħejja minn WPC 61 Maria Cuschieri. Ix-xhud ikkonfermat li minn dan ir-rapport jirriżulta li l-vittma tal-inċident kien l-attur, u li mir-rapport ma jirriżultax min kien qiegħed isuq it-trakk inkwistjoni.[27]

Fl-udjenza tat-28 ta' April, 2016 xehed **Aleandro Parnis**[28], li qal li hu kien ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta minn meta kellu sittax-il sena, u li xogħlu kien jinvolvi li jsewwi t-*trailers* u jagħmel xogħol ta' manutenzjoni. Hu qal li dakinhar tal-inċident mertu ta' din il-kawża, hu kien daħal xogħol fis-7:00a.m., meta l-imgħallem tah ordni biex imur iġib *trailer* minn żewġ kantunieri bogħod, sabiex dan jittieħed fil-bitħa tas-soċjetà konvenuta f'Ħ'Attard. Hu qal li għalkemm 'mhux soltu' li jkun hemm żewġ persuni rekbin fi trakk, dakinhar l-attur kien rikeb miegħu biex imorru jġibu t-*trailer* inkwistjoni. Qal li l-attur weġġa' meta nqabad bejn it-trakk u t-*trailer.* Ix-xhud qal ukoll li hu ma kellux liċenzja biex isuq dak it-tip ta' trakk, u li wara l-inċident hu ma baqax jintbagħat iġib *trailers,* iżda beda jitħalla jaħdem fuq ġewwa.

[24] *A fol.* 127 tal-proċess.
[25] *A fol.* 130 tal-proċess.
[26] *A fol.* 132 tal-proċess.
[27] Fir-rapport esebit id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident ġiet deskritta b'dan il-mod, "Wara li l-Pulizija pproċediet fuq il-post tal-aċċident u ċioè ġewwa 'Fahrenheit', Triq il-Gradilja, Ħ'Attard, fejn ġie mitkellem id-direttur Etienne Mallia (ID 99276M), fejn min-naħa tiegħu spjega li l-inċident seħħ għall-ħabta ta' 08:15am, fil-parti ta' quddiem tal-bitħa hekk kif Ciantar kien qiegħed juża t-trakk (magħruf bħala 'master'), li jintuża biex ikaxkar it-trailers minn post għal ieħor fil-bitħa stess. Mallia kompla jgħid li hekk kif Ciantar kien qed jipprova jqabbad il-master mat-trailer, il-pin ma qabadx sewwa u kif kien qed jipprova jqabbdu t-trailer skossja, u biċ-ċaqliqa mexa għal fuq Ciantar li nqabad bejn il-master u t-trailer."
[28] *A fol.* 137 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehdet **WPS Maria Cuschieri**[29], li qalet li l-Pulizija ġew infurmati bl-inċident wara li rċevew telefonata mill-Isptar li kien hemm inċident ġewwa s-sit tas-soċjetà 'Fahrenheight Freight Forwarders' li jinsab f'Ħ'Attard. Ix-xhud qalet li kienet marret tkellem lill-attur l-Isptar u li wara marret fuq is-sit tal-inċident.

Fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2016 xehed **Alessandro Mallia**[30], li hu wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta u li qal li waqt il-ħin tal-inċident hu kien qiegħed fl-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li ġewwa Ta' Qali hemm parkeġġ fejn jitħallew it-*trailers* u li xi drabi jintbagħtu impjegati tas-soċjetà konvenuta jġibu t-*trailers* għall-*yard* li tinsab f'Ħ'Attard, biż-żewġ siti huma viċin ħafna ta' xulxin. Ix-xhud ċaħad li kien biss wara l-inċident li ngħatat ordni lill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta biex meta jinġibdu t-*trailers* ma jibqgħux imorru żewġ ħaddiema, u qal li l-prassi minn dejjem kienet li jmur impjegat wieħed. Ix-xhud mistoqsi jekk il-persuna li nbtagħtet tiġbed it-*trailer,* Aleandro Parnis, kellux taħriġ biex jagħmel dak ix-xogħol, jew kellux liċenzja biex isuq, ix-xhud wieġeb li ma jafx.

Permezz ta' nota ppreżentata fit-28 ta' Settembru, 2016, is-soċjetà konvenuta ppreżentat l-*affidavit* ta' **Hermann Mallia**[31], wieħed mid-diretturi tas-soċjetà Famalco Holdings Limited, li tagħha s-soċjetà konvenuta Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited hija kumpannija sussidjarja. Ix-xhud qal li minn qabel l-inċident, kien hemm diversi okkażjonijiet li fihom inġibdet l-attenzjoni tal-attur għall-attitudni tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Qal li madwar xahar qabel l-inċident inkwistjoni l-attur kien ingħata twissija formali minħabba li

[29] *A fol.* 141 tal-proċess.
[30] *A fol.* 149 tal-proċess.
[31] *A fol.* 155 tal-proċess.

waqt sessjoni ta' taħriġ miżmuma mill-kumpamnija, dan kien wera nuqqas ta' rispett b'mod manifest, kif ukoll ma kienx ta attenzjoni xierqa għal dak li kien qiegħed jiġi spjegat. Ix-xhud qal li l-Famalco Group jagħti importanza u prijorità assoluta lit-taħriġ regolari tal-impjegati u lill-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud allega li l-attur kien juri nuqqas ta' rispett anki fil-preżenza tas-superjuri tiegħu, u għalhekk huwa kien tal-fehma li l-inċident inkwistjoni seħħ unikament minħabba traskuraġni u nuqqas ta' għaqal tal-attur. Ix-xhud allega li l-attur mexa b'mod oppost għal kull loġika meta rikeb fuq vettura li hi maħsuba għal xufier wieħed, aktar u aktar meta din il-vettura tkun igganċjata mat-*tugmaster*, u għalhekk irid jinġarr kobor u piż konsiderevoli.

Ix-xhud kompla jgħid li l-attur qatt ma qal min kien li tah l-ordni biex jirkeb fit-*tugmaster*, u li l-persuna li dak iż-żmien kienet inkarigata mill-operat fil-*yard,* ċertu Edin Mujic kien assigurah li hu qatt ma ta ordni bħal dik lill-attur. Ix-xhud kompla jgħid li m'hemm l-ebda raġuni għaliex impjegat għandu jirkeb bejn trakk u *trailer,* u li meta wieħed jagħmel dan ikun qiegħed jesponi ruħu għall-periklu għal xejn b'xejn. Ix-xhud qal ukoll li bħala kumpannija huma qatt ma ddiskutew li għandha tinbidel xi prassi fir-rigward tas-sewqan tat-*tugmaster*, u li l-prassi minn dejjem kienet li għandu jitla' operatur wieħed abbord it-*tugmaster.*

Xehed ukoll bil-proċedura tal-*affidavit* **Edin Mujic**[32], impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *local logistics manager* u li bħala tali kien superjur tal-attur. Ix-xhud qal li hu kien inkarigat biex ta' kuljum iqassam ix-xogħol fil-*yard* u li kien jagħti l-ordnijiet lill-impjegati biex imorru jniżżlu t-*trailers* minn Ta' Qali.

32 *A fol.* 157 tal-proċess.

Ix-xhud qal li l-attur ma kienx iħabbrek ħafna biex ilesti x-xogħol mogħti lilu, u li ma' kull ċans li jiġih, l-attur kien jintefa' jparla ma' Aleandro Parnis. Ix-xhud ċaħad li qatt xi darba ta ordni biex fuq it-*tugmaster* jitilgħu żewġ persuni biex imorru jiġbdu xi *trailer* minn Ta' Qali. Hu qal li minbarra l-periklu ovvju li jirriżulta jekk żewġ persuni jitilgħu fuq it-*tugmaster,* f'dak iż-żmien li fih seħħ l-inċident, is-soċjetà konvenuta kellha nuqqas ta' impjegati, u għalhekk hu ma setax jibgħat żewġ persuni mingħajr ebda ħtieġa. Ix-xhud qal ukoll li ma kienx il-każ li kien hemm ħtieġa li jitla' xi ħadd fuq it-*tugmaster* biex jagħti direzzjoni lix-xufier. Fi kliem ix-xhud:

> "Jiena ntenni li kemm ili impjegat ma' Fahrenheit qatt ma kien hemm bżonn li jmorru tnejn min-nies biex iniżżlu trailer ġewwa l-yard. Nerġa' ntenni li dak iż-żmien tal-inċident jien kont l-unika persuna li nassenja dan it-tip ta' xogħol ġewwa l-yard ta' Fahrenheit u nikkonferma li dakinhar jiena żgur li ma tajt ebda ordni lil Samuel Leone Ciantar sabiex jitla' f'xi ħin Ta' Qali jniżżel trailer. Fil-fatt, hekk kif infurmawni bl-inċident, jiena bqajt skantat minħabba li ma kelli ebda idea li Samuel Leone Ciantar kien barra l-yard."

Permezz ta' nota ppreżentata fit-2 ta' Novembru, 2016, is-soċjetà konvenuta ppreżentat *affidavit* ta' **Etienne Mallia**[33], direttur ta' Famalco Holdings Limited (C 17342), li qal li bħala direttur tal-kumpannija huwa ffukat aktar fuq it-tmexxija u l-operat estern tal-Grupp, u li hu ta' sikwit ikun ġewwa l-*yard* fejn seħħ l-inċident inkwistjoni. Qal ukoll li l-impjegati assenjati fil-*yard* jirrispondu direttament lil Edin Mujic, u li dan ilu mpjegat mas-soċjetà konvenuta sa mill-2006, u li hu jidhirlu li dan dejjem mexxa l-affarijiet tiegħu b'mod professjonali u diliġenti.

Ix-xhud kompla jgħid li t-*tugmaster* hu intiż biex jinstaq minn xufier wieħed biss, u li dan għandu sedil wieħed, li jfisser li l-ebda parti tiegħu mhi maħsuba

[33] *A fol.* 161 tal-proċess.

biex fuqu jitilgħu aktar minn persuna waħda. Hu kompla jiddeskrivi dan il-makkinarju bħala wieħed sofistikat, mgħammar b'teknoloġija apposta biex ikun jista' jiġi misjuq minn persuna waħda, mingħajr l-għajnuna ta' ħadd.[34]

Ix-xhud qal li minkejja li hu jkun fil-*yard* għal ħin twil, hu qatt ma sema' lil xi ħadd minn ħutu jagħti ordnijiet biex it-*tugmaster* jinstaq minn aktar minn persuna waħda, u lanqas lil Edin Mujic qatt ma semgħu jagħti ordnijiet bħal dawn. Ix-xhud kompla jgħid li d-deċiżjoni li jitla' fuq it-*tugmaster* kienet waħda li ħa l-attur waħdu u għalhekk l-inċident inkwistjoni kien riżultat ta' traskuraġni u nuqqas ta' għaqal da parti tiegħu. Ix-xhud ikkonferma wkoll li wara l-inċident inkwistjoni, la hu u lanqas ħutu ma ddiskutew xi tibdil li kellu jsir dwar l-użu tat-*tugmaster*.

Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2016 xehed **Dr Joseph Calleja**[35], li jaħdem bħala *in-house lawyer* mal-Famalco Group. Ix-xhud esebixxa numru ta' ritratti li juru l-istess makkinarju li weġġa' fuqu l-attur.[36] Ix-xhud spjega l-mod kif jiffunzjona l-apparat inkwistjoni, u qal li waħda mill-funzjonijiet speċjali tiegħu hi li l-kabina tat-*tugmaster* iddur meta jkun qed jirriversja u jigganċja l-*container* b'tali mod li ma jkun meħtieġ l-involviment tal-ebda persuna oħra fl-immanuvrar tat-trakk. Ix-xhud qal ukoll li x-xufier m'għandux bżonn jinżel minn fuq it-*tugmaster* biex jigganċja l-*container* u li dan għandu tagħmir apposta biex kemm iqabbad il-pajpijiet tal-arja mal-*container* mingħajr ma

[34] Fi kliem ix-xhud: "Dak li qed ngħid jgħodd kemm għal meta x-xufier jiġi biex jigganċja t-*trailer* mat-*tugmaster* kif ukoll għal waqt is-sewqan. Fost il-funzjonijiet li t-*tugmaster* huwa mgħammar bihom, għandu l-faċilità li s-sedil flimkien mal-kontrolli tal-vettura jdur b'lura sabiex ix-xufier ikun jista' joperah bl-aħjar mod possibbli waqt li jkun qed jirriversja. Ix-xufier għandu wkoll il-faċilità li minn fuq is-sedil jaġġusta l-għoli tal-ganċ b'mod awtomatiku sabiex jillivella eżatt mat-trailer li jkun irid jigganċja. Barra minn hekk, ix-xufier lanqas ma għandu għalfejn jinżel minn fuq it-*tugmaster* sabiex iqabbad il-pajpijiet tal-arja li jeħlu għal mat-*trailer* sabiex dan ikun jista' jibbrekja."
[35] *A fol.* 163 tal-proċess
[36] Ritratti esebiti *a fol.* 168 u 169 tal-proċess.

jinżel mal-art u mingħajr ma jkun meħtieġ l-involviment tal-ebda persuna oħra.

Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2017, il-Qorti ħatret lil Mr Fredrick Zammit Maempel bħala espert mediku, sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-konsegwenza tal-inċident, l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk konsegwenza tal-inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2017 xehed il-konsulent ortopediku **Mr Carmel Sciberras**[37], li kkonferma li hu kien irrilaxxja ċertifikat mediku wara li l-attur kien mar għandu f'Mejju tas-sena 2013. Ix-xhud ikkonferma li hu kien ra r-rapport maħruġ minn Mr Massimo Abela, iżda li hu ma kienx qabel miegħu minħabba li kien hemm *damaged ligaments* u *lateral cruciate ligament* li Mr Abela ma semmiex fir-rapport tiegħu. Ix-xhud qal li din it-tip ta' ħsara tikkawża instabbilità, li taffettwa dik l-attività kollha li jagħmel il-bniedem u li għaliha hemm il-ħtieġa ta' stabbilità fl-irkoppa. Ix-xhud, li fir-rapport tiegħu kkonstata li l-attur kien qiegħed ibati minn diżabilità permanenti ta' 14%, qal li huwa wasal għal ċertu konklużjonijiet minħabba f'dak li qallu l-attur meta eżaminah, għalkemm dak li qallu kien kredibbli in vista tan-natura tal-ġrieħi sostnuti minnu. Ix-xhud ikkonferma li l-attur għandu diffikultajiet biex jerfa' ċerti pożizzjiet, biex jagħmel *squatting,* biex jimxi, biex jaqbeż u biex jagħmel ċerti eżerċizzji. Id-difensur tas-soċjetà konvenuta wera lix-xhud għadd ta' ritratti elevati mill-*Facebook profile* tal-attur[38], li juru lill-attur qiegħed isuq *speedboat*, jgħum, jiffrekwenta l-*gym*, u Mr Sciberras wieġeb li l-ħsara li għandu l-attur fl-irkoppa mhux bilfors tipprekludih milli jagħmel dawn l-

[37] *A fol.* 176 tal-proċess.
[38] Kopja *a fol.* 180 et seq tal-proċess.

eżerċizzji. Ix-xhud qal li l-attur kien mar għandu għal vista u għal rapport mediku, u li kien bagħtu għal dan l-iskop l-avukat tiegħu.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti **Mr Frederick Zammit Maempel** ppreżenta r-rapport tiegħu fit-13 ta' Frar, 2017[39], fejn wara li kkonstata li kien hemm inċident u l-mod kif dan seħħ, iddeskriva n-natura tal-problemi li l-attur kien għadu qed jaffaċċja ħames snin wara l-inċident li kien seħħ fl-2012:

> "Ciantar qalli li bħala riżultat tal-inċident huwa jilmenta minn uġigħ madwar l-irkoppa l-leminija li jħossu mhux kuljum iżda kultant. Dan l-uġigħ kapaċi jdum ġimgħa biex jgħaddilu, u jġiegħlu jzappap. L-uġigħ iħossu speċjalment meta jqum minn siġġu fil-baxx jew meta jkun isuq u jeħel fit-traffiku.
>
> Ilmenta wkoll li l-irkoppa tal-lemin għandha l-laxk u ta' spiss iċċedilu u jogħtor. Ma jħossux jista' jaqbeż jew jimxi għat-tul; ċioè aktar minn nofs siegħa għax l-uġigħ f'irkopptu jikkarga. Fit-taraġ iħossu skomdu speċjalment meta jinżlu. Din l-irkoppa xi drabi tintefaħ, u xi drabi tqarmeċ però qatt ma tistaġna ('locking'). Żied jgħid li riġlejh spiċċat ftit mgħawġa u ma jħossux komdu jiġri jew jitla' slielem. L-irkoppa ma jitnihiex għal kollox u allura ma jinżilx kokka.
>
> Fl-aħħar ilmenta li dan ir-riġel qsar minn wara l-inċident u mal-mixi jħoss żaqżiq fuq il-lemin taħt żaqqu."

Ix-xhud ikkonkluda li l-attur għandu diżabilità permanenti ta' 10% kawża tal-inċident tat-3 ta' Jannar, 2012.

Fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2017 sar il-kontroeżami ta' Dr Mark Xuereb[40], li kkonferma li hu beda jara lill-attur madwar sena u nofs wara li seħħ l-inċident kawża tal-*post traumatic stress* li sofra. Ix-xhud ikkonferma li wara li ħareġ iċ-ċertifikat rigward id-debilità permanenti sofferta mill-attur, dan ma baqax imur għandu għal sessjonijiet ta' terapija bl-istess frekwenza bħal qabel. Ix-

[39] Kopja *a fol.* 186 *et seq.* tal-proċess.
[40] *A fol.* 197 *et seq.* tal-proċess.

xhud ġie mistoqsi dwar il-fatt li hu u l-attur kienu jiffrekwentaw l-istess *gym*, u dan wieġeb li hu kien josserva li l-attur kellu diffikultà biex jaqfel il-lazzijiet taż-żarbun, jew biex idur u jimxi fuq ponot subgħajh. Qal li l-uġigħ fiżiku jirrendi l-istat fiżjoloġiku ta' persuna agħar. Hu kompla jgħid li l-fatt li l-attur jorqod u jqum bir-restrizzjonijiet ġodda li qiegħed jesperjenza minn wara l-inċident, ipoġġih f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ minħabba l-effetti psikoloġiċi u fiżiċi permanenti li hu qiegħed jesperjenza.

Fl-udjenza tal-5 ta' Mejju, 2017 xehed l-attur Samuel Leone Ciantar in kontroeżami[41], li qal li meta seħħ l-inċident hu kien ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta għal madwar sitt xhur. Mistoqsi fejn kien jaħdem qabel beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta, l-attur wieġeb li għamel żmien ma jaħdimx u li għamel żmien jaħdem ma' kumpannija tal-*lifts.* Qal ukoll li wara l-inċident irriżultalu li huwa għadu fuq il-kotba tas-soċjetà konvenuta, għalkemm ma jmurx xogħol u ma jirċievi l-ebda paga, u li minħabba f'hekk hu mhu jaħdem imkien. Mistoqsi jekk matul il-ġurnata jkunx fil-garaxx ta' xi *mechanic,* ix-xhud wieġeb li dan jista' jkun, għalkemm ma tax dettalji u ċaħad li hu impjegat ma' *mechanic.* L-attur qal ukoll li hu tgħajxu ommu. Mistoqsi x'inhi r-raġuni għaliex ma jagħmel xejn, meta l-perċentwal ta' diżabilità permanenti li huwa jsofri minnha huwa żgħir, l-attur qal li darba minnhom hu kien ċempel l-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta u kien talabhom biex jew idaħħluh lura x-xogħol jew inkella jtuh konferma bil-miktub li kienu qegħdin iwaqqfuh mix-xogħol. Hu allega li min-naħa tas-soċjetà konvenuta kienu qalulu li jekk irid jirriżenja u li huma ma kinux ser iwaqqfuh. L-attur kompla jgħid li hu ma kellu l-ebda raġuni għaliex

[41] *A fol.* 213 tal-proċess.

jirriżenja, u kien għalhekk li baqa' m'għamel xejn biex jirranġa s-sitwazzjoni tiegħu.

L-attur ikkonferma li hu jmur il-*gym* fuq bażi regolari u li hemmhekk jerfa' piżijiet anki sa tmenin kilo. Qal ukoll li hu jkun spiss għand *mechanics* differenti li huma ħbieb tiegħu, għalkemm qal li hu mhux biex jaħdem imur għandhom. L-attur ikkonferma li hu ma jirċievi l-ebda benefiċċji soċjali minħabba li jidher li għadu fuq il-kotba tas-soċjetà konvenuta. L-attur qal li meta hu kien impjegat tas-soċjetà konvenuta, l-imgħallem tiegħu kien Etienne Mallia, u li fl-assenza tiegħu hu kien jieħu ordnijiet mingħand Edin Mujic. L-attur allega li dakinhar tal-inċident kien Edin Mujic li bagħat lilu u lil Aleandro Parnis iniżżlu *trailer* minn Ta' Qali. Hu allega li ladarba l-ordni li ngħatat kienet "intom morru", dak kien ifisser li hu u Aleandro Parnis kellhom imorru Ta' Qali jġibu t-*trailer* flimkien. Muri ritratti tat-*tugmaster*, l-attur ikkonferma li dan l-apparat jaħdem billi wieħed imur quddiem *container,* jidħol taħtu u jaqbad miegħu, jitqabbdu l-pajpijiet tal-arja, jittellgħu s-saqajn minn barra, u jinstaq. L-attur qal li s-seat li hemm fil-kabina jdur, biex min qiegħed isuq ikun jista' jara x'hemm warajh mingħajr tbatija. L-attur ikkonferma dak kollu li qal Etienne Mallia fix-xhieda tiegħu li t-*tugmaster* huwa apparat sofistikat, u dwar il-funzjonijiet li jagħmel, u qal li dakinhar tal-inċident hu kien riekeb wara x-xufier eżatt wara l-kabina. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ħadd li tah struzzjonijiet biex jirkeb wara x-xufier, l-attur qal li l-post li qagħad fih hu, hu l-aktar post sigur li wieħed jista' jpoġġi fuqu. Mistoqsi jekk xi ħadd tahx struzzjonijiet biex jitla' proprju f'dik il-parti tal-kabina, l-attur wieġeb:

> "Hemmhekk huwa l-post li dejjem bagħtuna tnejn nirkbu fuqu għax hemm l-unika post li inti ma għandekx speċi ta' periklu."

L-attur qal li qabel dakinhar tal-inċident, kien hemm episodji oħra meta hu rikeb fuq it-*tugmaster* ma' terzi, fosthom anki ma' Etienne Mallia u ma' Edin Mujic, li kienu s-superjuri tiegħu. L-attur qal illi billi kien riekeb fuq wara tal-kabina, hu kien ser ikollu l-funzjoni li jidderieġi lis-sewwieq tat-trakk minħabba li l-*containers* ikunu mdaħħlin bejn is-siġar u l-viżwali ta' x'inhu jiġri wara s-sewwieq ma tkunx tajba.

Fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2017 xehed Etienne Mallia in kontroeżami[42], li qal li minkejja li hu jkun spiss il-*yard,* dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed fl-uffiċċju tal-kumpannija, madwar mitt (100) metru bogħod. Ix-xhud qal li mill-inċident kollu hu ra biss lill-attur fuq siġġu, u li ma rax l-inċident iseħħ. Id-difensur tal-attur irrefera għall-fatt li x-xhud kien enfasizza li s-soċjetà konvenuta tagħti ammont ta' taħriġ lill-ħaddiema tagħha, u staqsa jekk kienx il-każ li l-ħaddiema jingħataw ukoll taħriġ dwar kif għandu jinstaq it-*tugmaster.* Ix-xhud qal li t-*tugmaster* jgħallmek issuqu xi ħadd li għandu esperjenza, u li ma jingħatax taħriġ speċifiku fuq l-użu tat-*tugmaster.* Ix-xhud qal li biex jinstaq *tugmaster* wieħed m'għandux bżonn liċenzja, u li m'hemm l-ebda kors u lanqas hemm il-ħtieġa ta' xi reġistrazzjoni ta' dan it-*tugmaster,* allavolja dan jinstaq fit-triq. Mistoqsi hux il-każ li tifel ta' sittax-il sena jista' jaqbad *tugmaster* u joħroġ isuq, ix-xhud wieġeb li sa fejn jaf hu t-*tugmaster* dejjem instaq fi proprjetà tas-soċjetà konvenuta, u li Aleandro Parnis dak iż-żmien diġà kellu esperjenza ta' sentejn xogħol miegħu. Ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk dakinhar tal-inċident kinitx saret telefonata lill-Pulizija u għall-ambulanza, u minn min, għalkemm qal li ma kienx hu li ċempel għall-ambulanza jew għall-Pulizija.

---

[42] *A fol.* 221 tal-proċess.

Fl-istess udjenza reġa' xehed Edin Mujic[43], li qal li huwa jieħu ħsieb il-*logistics* u x-xufiera u l-*yard operators.* Ix-xhud ikkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża, hu kien qiegħed fil-*yard* jagħti struzzjonijiet lill-ħaddiema dwar dak li għandhom jagħmlu. Ix-xhud ikkonferma li t-*tugmaster* kien qiegħed jinstaq minn Aleandro Parnis, u li dan kellu jinħareġ fit-triq biex jasal minn sit għal ieħor. Mistoqsi jekk hemmx bżonn li wieħed ikollu liċenzja tas-sewqan biex jopera t-*tugmaster,* ix-xhud wieġeb li ma jafx, għalkemm ikkonferma li trid tkun taf toperah. Qal ukoll li Aleandro Parnis kien impjegat bħala *yard operator,* u li hu ġieli qabbdu jimmanuvra fil-bitħa bit-*trailer.* Ix-xhud qal li kien hu li wera lil Aleandro Parnis kif għandu jinstaq it-*tugmaster*, u li apparti l-liċenzja tas-sewqan normali, x-xhud għandu liċenzja speċjali biex ikun jista' joperah. Ix-xhud qal iżda li hu qatt ma kien ivverifika jekk Aleandro Parnis għandux liċenzja tas-sewqan jew le, u lanqas ma kien jaf jekk għandux liċenzja speċjali jew le. Hu qal li dakinhar tal-inċident Aleandro Parnis kien mar iġib it-*trailer* bit-*tugmaster*, meta f'ħin minnhom sema' l-għajjat, u hekk kif ħareġ barra ra lill-attur imweġġa'. Ix-xhud ikkonferma li l-inċident seħħ quddiem il-*gate*, hekk kif it-*tugmaster* kien qiegħed jiddaħħal fil-bitħa. Mistoqsi jiftakarx x'ordnijiet kien ta lill-attur, ladarba hu ma kienx bagħtu ma' Aleandro Parnis fuq it-trakk, ix-xhud wieġeb li ma jiftakarx. Hu ċaħad li kien hemm okkażjonijiet oħra li fihom l-attur intbagħat jakkumpanja sewwieqa tat-*tugmaster.* Ix-xhud qal li hu ma jiftakarx min kien li ċempel għall-ambulanza u lanqas min kien li ċempel lill-Pulizija, għalkemm qal li ma kienx hu.

---

[43] *A fol.* 229 *et seq.* tal-proċess.

Fl-istess udjenza sar konfront bejn l-attur, Samuel Leone Ciantar u x-xhud Edin Mujic, fuq talba tas-soċjetà konvenuta stess.[44] Ix-xhud Edin Mujic ġie mistoqsi dwar dak allegat mill-attur li hu kien bagħat lil Aleandro Parnis u lill-attur iġibu t-*trailer* minn Ta' Qali flimkien, u x-xhud qal li dan assolutament ma kienx il-każ, u li hu ma kellux għalfejn jibgħat tnejn min-nies. Hu kompla jgħid li r-raġuni għaliex ma kellux għalfejn jagħmel hekk kienet li:

> "Dak huwa inġenju *one seater*. Investejna flus fih apposta biex nużaw bniedem wieħed fuqu speċjalment fil-każ minn fejn huma, minn fejn it-*trailers*, ħa nfehmek eżatt. Aħna għandna xufiera li jiġu bil-*catamaran* bil-lejl u peress li l-bitħa tagħna tinstab Ħ'Attard, *residential area,* biex ma naqilgħux kaos mal-ġirien lix-xufiera ngħidulhom jiżganċaw it-*trailers* fil-*parking* ta' Ta' Qali fejn jarma l-monti."

Ix-xhud kompla jispjega kif filgħodu hu jibgħat persuna bit-*tugmaster* iġġib it-*trailers.* Qal ukoll li biex isir il-manuvrar kollu meħtieġ m'hemmx bżonn l-involviment ta' terzi, u li x-xufier tat-*tugmaster* ikun jista' jagħmel dak kollu meħtieġ minn fuq is-seat tat-*tugmaster* li jkun qiegħed isuq.

Wara x-xhieda ta' Edin Mujic, il-Qorti staqsiet lill-attur x'għandu xi jgħid dwar dak li ntqal, u dan min-naħa tiegħu baqa' jinsisti li l-ordni li ngħatat kienet fis-sens li 'intom morru', u li l-*container* inkwistjoni kien ipparkjat wara l-Ambaxxata Amerikana, fejn hemm triq dejqa li wieħed jidħol minnha, u l-*container* kien mitfugħ hemm wara. Qal ukoll li kienu jintbagħtu żewġ impjegati sabiex wieħed minnhom ikun jista' jara minn mas-siġar, u biex jekk ikun hemm il-ħtieġa li t-*tugmaster* jinsaq bir-*reverse*, il-persuna riekba fit-*tugmaster* tkun tista' tinżel tittawwal minn bejn il-karozzi. L-attur kompla jgħid

[44] *A fol.* 237 tal-proċess.

li minkejja li t-*tugmaster* hu mgħammar bil-mirja, dawn jafu ma jkunux biżżejjed.

Fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2017 il-Qorti ħatret lill-espert mediku il-psikjatra Dr Etienne Muscat sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident, l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk konsegwenza tal-inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2017 xehed Aleandro Parnis in kontroeżami[45], li qal li meta seħħ l-inċident inkwistjoni hu kien ilu impjegat tas-soċjetà konvenuta għal aktar minn sentejn. Hu spjega li xogħlu kien fil-*yard* tas-soċjetà konvenuta, jagħmel xogħol ta' manutenzjoni, u li l-ordnijiet kien jeħodhom kemm mingħand Etienne Mallia kif ukoll mingħand Edin Mujic. Ix-xhud ikkonferma li hu u l-attur kienu ħbieb u kienu jfittxu ħafna lil xulxin fuq ix-xogħol. Hu qal ukoll li t-*tugmaster* jista' jinstaq u jiġi mmanuvrat minn persuna waħda. Ix-xhud qal li hu kien saq it-*tugmaster* diversi drabi qabel dakinhar tal-inċident, u li qabel dakinhar, hu qatt ma kellu inċidenti bih. Qal ukoll li dakinhar tal-inċident huwa kien intalab imur iġib it-*trailer* minn Etienne Mallia, u li dak il-ħin li ngħata l-ordni, l-attur ma kienx qiegħed ħdejh u għalhekk l-ordni ma setgħetx ingħatat lit-tnejn li huma f'salt. Ix-xhud ikkonferma li la Etienne Mallia u lanqas Edin Mujic ma kienu taw ordni fis-sens li hu u l-attur kellhom imorru jġibu t-*trailer* flimkien. Ix-xhud kompla jgħid li hu segwa l-ordni li ngħata, u li hekk kif waqaf biex tinfetaħ il-*gate* tal-*yard,* l-attur tela' fuq il-parti ta' wara tat-trakk. Hu qal li ma staqsiex lill-attur x'kienet ir-raġuni għalfejn tela' miegħu, u kkonferma wkoll li qatt ma kien hemm okkażjoni li

[45]*A fol.* 248 *et seq.* tal-proċess.

fiha Etienne Mallia jew Edin Mujic kienu bagħtuh iġib xi *trailer* ma' xi persuna oħra. Ix-xhud kompla jgħid li wara li lesta x-xogħol li kellu jagħmel, waqt li kien qiegħed isuq lura, skiddja bit-trakk, bir-riżultat li l-attur, li kien riekeb fuq wara, spiċċa maqbud bejn it-trakk u t-*trailer.*

Ix-xhud ikkonferma li d-drabi li fihom kien hemm il-ħtieġa li fuq it-*tugmaster* jaħdmu żewġ persuni kienu f'okkażjonijiet fejn it-*tugmaster* jesperjenza xi ħsara, u li dawn ikunu okkażjonijiet li fihom it-*tugmaster* jibqa' fil-*yard* u mhux joħroġ barra.

L-espert mediku **Dr Etienne Muscat** ippreżenta r-rapport tiegħu fir-Reġistru tal-Qorti fid-19 ta' Ottubru, 2017, u wara li għamel il-konstatazzjonijiet tiegħu dwar id-dinamika tal-inċident u l-mod kif ħajjet l-attur sfat affettwata wara l-inċident, ikkonkluda r-rapport tiegħu billi qal:

> *"It is thus my conclusion, that according to the proposed European Disability Rating Scale (EU, 2003), Mr. Ciantar does meet the suggested criteria for a mild to moderate traumatic neurosis, with phobic anxiety symptoms with avoidance behaviour, but without panic attacks, and that in my opinion this would correspond to an 8% disability.''*

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat għadd ta' domandi li permezz tagħhom saret l-eskussjoni taż-żewġ esperti mediċi maħtura mill-Qorti u dan in vista tar-riżultanzi tagħhom. Dr Etienne Muscat ġie prodott in eskussjoni mis-soċjetà konvenuta fl-udjenza tas-6 ta' April, 2018[46] u dan spjega li minn dak li seta' jevalwa wara li eżamina lill-attur, minkejja li dan għadda minn esperjenzi koroh oħra f'ħajtu, bħalma kienet il-mewt ta' missieru, dawn ma affettwawhx

[46] *A fol.* 297 tal-proċess.

daqskemm affettwah l-inċident inkwistjoni, li kawża tiegħu nbidlitlu ħajtu.[47] Ir-risposti bil-miktub għad-domandi in eskussjoni huma ppreżentati *a fol.* 305 *et seq.* tal-proċess.

Fl-udjenza tas-6 ta' April, 2018 reġa' xehed l-attur in kontroeżami[48], li meta mistoqsi jekk jaħdimx ma' *autodealer,* għal darb'oħra kkonferma li hu għadu mhux qed jaħdem. Qal ukoll li hu għadu rreġistrat bħala impjegat tas-soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018 xehed Mr Frederick Zammit Maempel[49], li b'riferiment għad-domandi li sarulu in eskussjoni qal li fil-konklużjonijiet tiegħu huwa straħ ħafna fuq dak li qallu l-attur, għalkemm għamel verifiki mal-*X-rays* li tpoġġew għad-dispożizzjoni tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li wara l-inċident li kellu l-attur fejn kiser siequ, din għaqdet kemm kemm imdawra, u konsegwentement kellu ħsara serja fil-*quadriceps*, fatturi dawn li kkontribwixxew biex ikkonkluda li d-debilità permanenti li qiegħed isofri minnha l-attur hi fil-grad ta' 10%. Ix-xhud ikkonferma wkoll li hu ra lill-attur ħames snin wara l-inċident, u għalhekk kien għadda biżżejjed żmien biex jekk l-attur kellu jirkupra minn wara l-inċident, kien jirkupra.[50] Ix-xhud ikkonferma li minn wara l-inċident, l-attur għandu limitazzjonijiet li qabel ma kellux.

[47] Fi kliem ix-xhud, *"... I don't believe he has post traumatic stress disorder, I don't believe what he has is a major issue, the full blown syndrome which is impairing his life, but I think he has a neurotic,* għandu syndrome dik tan-nevrosi ta' ansjetà, ta' *sleep disturbance*, ta' effetti ta' ħafna affarijiet ta' soċjalizzazzjoni inti meta baqgħet taffettwah. Baqa' affettwat minnha imma mhux *to the standard li għandu a full blown post traumatic stress disorder*."

[48] *A fol.* 309 tal-proċess.

[49] *A fol.* 312 tal-proċess.

[50] Fi kliem ix-xhud, "L-għadma għaqdet kemm kemm qasira, kemm kemm milwija, kemm kemm imdawra, il-muskolu flok laħam aħmar hemm *scar tissue* fuqu allura jiġi dgħajjef, mhux ħa jitbiddel"

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti evalwat il-provi miġjuba quddiemha, minn fejn jirriżulta inkonsistenzi bejn il-verżjoni mogħtija mill-attur u dik mogħtija mis-soċjetà konvenuta, fir-rigward ta' dak li ġie allegat mill-attur li s-soċjetà konvenuta allegatament kellha l-prassi li tippermetti, jekk mhux addirittura tqabbad, żewġ impjegati minn tagħha jitilgħu fuq it-*tugmaster* maħsub għall-użu minn persuna waħda, xi ħaġa li l-esponenti tas-soċjetà konvenuta jiċħdu bil-qawwa kollha. L-attur min-naħa tiegħu insista li hu f'għadd ta' okkażjonijiet kien jintbagħat mas-sewwieq tat-*tugmaster* sabiex jassistih billi jgħinu fl-immanuvrar tiegħu f'sitwazzjonijiet li jkunu diffikultużi, bħal meta l-*container* li jrid jinġarr ikun qalb is-siġar, u għalhekk is-sewwieq tat-*tugmaster* ikollu bżonn l-assistenza ta' xi ħadd biex ikun jista' jimmanuvra t-trakk sew. Min-naħa tagħhom l-esponenti tas-soċjetà konvenuta ċaħdu dan kollu u qalu li t-*tugmaster* hu apparat sofistikat biżżejjed biex min ikun qiegħed isuqu ma jkollu bżonn l-assistenza ta' ħadd.

Quddiem dawn id-diverġenzi fil-provi, il-Qorti trid tevalwa l-provi fl-assjem tagħhom sabiex tistabbilixxi min mill-partijiet x'aktarx li qiegħed jgħid is-sewwa, u liema mill-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet, hi l-aktar waħda verosimili. Il-Qorti tqis li meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[51] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li

[51] **Borg vs. Bartolo**, Appelli Inferjuri, 25.06.1980.

biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[52]

Fil-każ odjern il-Qorti kkunsidrat it-teżi attriċi, fejn ġie spjegat li dakinhar tal-inċident, bħal drabi oħra fil-passat, l-attur intbagħat fuq it-*tugmaster* ma' kollega tax-xogħol tiegħu, u dan minħabba li l-*container* li kien hemm il-ħtieġa li jinstaq minn Ta' Qali sa Ħ'Attard kien f'post li skont dak li allega l-attur, kien jirrikjedi li s-sewwieq tat-*tugmaster* jiġi assistit minn persuna oħra. Din it-teżi mhi korroborata minn l-ebda xhud ieħor, lanqas mill-kollega tax-xogħol tal-attur, Aleandro Parnis, li meta ġie mitlub jispjega qal li ma setax jifhem x'kienet ir-raġuni għalfejn l-attur tela' fuq il-parti ta' wara tal-kabina tat-*tugmaster*, u li hu ħaseb li dan kien intbagħat minn xi ħadd mis-superjuri tiegħu, minkejja li din il-ħaġa ma kienet ġrat qatt qabel. Parnis ikkonferma li la Etienne Mallia u lanqas Edin Mujic ma kienu taw ordni fis-sens li hu u l-attur kellhom imorru jġibu t-*trailer* flimkien. Anki l-esponenti tas-soċjetà konvenuta ċaħdu li kienu huma li bagħtu lill-attur mas-sewwieq tat-*tugmaster*.

Min-naħa l-oħra il-Qorti hi rinffaċċjata bi stampa ċara tal-*modus operandi* tas-soċjetà konvenuta, li minkejja li tisħaq li tagħti importanza lit-taħriġ tal-impjegati tagħha u lir-regoli tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, min-naħa l-oħra jidher li ma tqis li hemm xejn barra minn loku li ġuvni ta' sittax-il sena, li evidentement la għandu liċenzja tas-sewqan u lanqas għandu liċenzja speċjali biex jopera ċerti inġenji, jintbagħat fi triq pubblika jsuq apparat bħalma hu t-*tugmaster* u jintalab iġorr *container* permezz tiegħu. Mill-provi rriżulta li Aleandro Parnis kellu tmintax-il sena meta seħħ l-inċident, għalkemm dan ikkonferma li hu kien ilu impjegat mas-soċjetà konvenuta għal

[52] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti**, P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib**, P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino**, App.Kum., 25.02.1952.

aktar minn sentejn, u li tul dawn is-sentejn hu ntalab isuq it-*tugmaster* f'numru ta' okkażjonijiet. L-esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu evażivi meta mistoqsija dwar jekk is-sewwieq tat-*tugmaster* dakinhar tal-inċident kellux il-liċenzja biex jagħmel dan, u Etienne Mallia, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta, saħansitra qal li biex jinstaq *tugmaster* la hemm bżonn liċenzja u lanqas hemm bżonn li dan jiġi rreġistrat, u dan minkejja li t-*tugmaster* jinstaq fi triq pubblika. Jirriżulta wkoll li d-diriġenti tas-soċjetà konvenuta la ċemplu għall-assistenza medika u lanqas talbu għall-assistenza tal-Pulizija wara li seħħ l-inċident, xi ħaġa din li timplika li d-diriġenti tas-soċjetà konvenuta kienu jafu li kien hemm nuqqasijiet fl-operat tagħhom, liema nuqqasijiet huma riedu jostru. Jekk l-attur, kif allegaw l-esponenti tas-soċjetà konvenuta, kien hu li qiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni ta' periklu, ċertament li s-soċjetà konvenuta kienet naqset mid-dmirijiet tagħha bħala *employer* meta ppermettiet li sewwieq taħt l-età, li m'għandu l-ebda liċenzja tas-sewqan, jingħata taħriġ fuq l-użu tat-*tugmaster*[53]*,* u agħar minn hekk, li jitħalla jsuq trakk bħal dak, u joħroġ bih fi triq pubblika.

Meta mistoqsi dwar id-dinamika tal-inċident, is-sewwieq tat-*tugmaster,* Aleandro Parnis qal li hu kien skiddja, bir-riżultat li l-attur spiċċa maqbud bejn il-*container* u t-*tugmaster.*

Illi kif kellha l-okkażjoni tistabbilixxi din il-Qorti fid-deċiżjoni li tat fl-ismijiet **Philip Vassallo *vs.* Malta Freeport Terminals**[54]:

> "... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu

[53] Skont dak li xehed Edin Mujic.
[54] 21.03.2016.

fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.

Skont l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (Artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (Artikolu 1032).

Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-*bonus paterfamilias*. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.

Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:

*'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in* ***Donoghue vs Stevenson (****1932 A.C. 562). In* ***Davie vs. New Merton Board Mills Ltd.,*** *(1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.'* – **Charlesworth & Percy on Negligence** (Ninth Edition, 1997).'

Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ

'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.

Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).

Illi l-artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:

(a) Li jiġi evitat riskju;

(b) L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;

(c) L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(d) Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(e) Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;

(f) Billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;

(g) Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

(h) Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u

(i) Billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."

Il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Felix Xerri *vs.* Beechwood Limited** fit-3 ta' April, 2009:

> "Għar-rigward il-prinċipji li jirregolaw il-materja, din il-Qorti tirribadixxi li, filwaqt illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna timponi obbligi severi fuq min iħaddem biex jassigura *'a safe environment'* fuq il-post tax-xogħol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha neċessarji u meħtieġa biex tiġi salvagwardjata l-inkolumità tal-ħaddiema tiegħu fuq il-lant tax-xogħol, dan ma jwassalx għall-kunċett ta' *'strict liability'* ta' min iħaddem, u l-impjegat li jweġġa' fuq ix-xogħol huwa obbligat li jipprova li l-inċident seħħ b'responsabbilità ta' min iħaddem. Lanqas ma jista' jgħid li teżisti xi preżunzjoni jew, kif sejħitilha l-ewwel Qorti, 'kważi preżunzjoni' ta' responsabbilità ta' min iħaddem kull meta jseħħ inċident li fih iweġġa' ħaddiem. Hu obbligu tal-ħaddiem li juri u jipprova li l-inċident seħħ konsegwenza ta' nuqqas ta' min iħaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-liġi jew bil-ġurisprudenza *in subjecta materia*."

Qabel kull ħaġa oħra l-Qorti għandha tistħarreġ dwar min kien tabilħaqq responsabbli għall-korriment tal-attur meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża. Il-fatt li Aleandro Parnis, is-sewwieq tat-*tugmaster,* ma kienx liċenzjat biex isuq dan it-trakk kif rikjest mil-liġi u għad ukoll li dan is-sewwieq seta' kien negliġenti fil-qadi ta' dmirijietu meta t-*tugmaster* misjuq minnu spiċċa jiskiddja fl-entratura tal-bitħa tas-soċjetà konvenuta, dakollu jista' jitqies li huwa irrilevanti jekk fl-aħħar mill-aħħar jiġi stabbilit illi l-preżenza tal-attur fuq in-naħa ta' wara tal-kabina tat-*tugmaster* ma kinitx rikjesta mis-superjuri tiegħu bħala parti mid-dmirijiet tax-xogħol tiegħu. Lil hinn mill-imsemmija nuqqasijiet da parti tas-soċjetà konvenuta, dak li jrid jiġi stabbilit mill-Qorti f'din il-kawża huwa jekk fil-mument tal-inċident l-attur kienx qiegħed fuq in-naħa ta' wara l-kabina tat-*tugmaster* bħala parti mid-dmirijiet tiegħu fuq inkarigu tas-superjuri tiegħu, jew inkella kienx qiegħed hemmhekk biss fuq inizjattiva tiegħu. Fl-eventwalità li jiġi stabbilit li fil-mument tal-inċident l-attur ma kienx wara l-kabina tat-*tugmaster* fuq inkarigu tas-superjuri tiegħu imma biss fuq inizjattiva tiegħu, evidentement ir-responsabbiltà għad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni tkun unikament kollha tal-

attur u s-soċjetà konvenuta m'għandhiex iġġor l-ebda responsabbiltà għall-akkadut.

L-attur bl-ebda mod ma pprova dak li kien tenut li jipprova, lanqas fuq bażi ta' probabbiltajiet, li meta kien fuq il-parti ta' wara tal-kabina tat-*tugmaster* huwa kien qiegħed hemmhekk fuq struzzjonijiet tas-superjuri tiegħu jew għax kien qiegħed isegwi proċeduri normalment segwiti f'ċirkostanzi simili mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta. Mill-provi jirriżulta li t-*tugmaster* adoperat mis-soċjetà konvenuta kien attrezzat b'tali mod li fit-tħaddim tiegħu is-sewwieq ma jkollux bżonn l-assistenza ta' persuna oħra. Aleandro Parnis, xhud imressaq mill-attur stess, li kien ħabib u kollega tax-xogħol tal-attur, fix-xhieda tiegħu jgħid b'mod ċar li ma setax jifhem x'kienet ir-raġuni għalfejn l-attur tela' fuq il-parti ta' wara tal-kabina tat-*tugmaster*, tant li ħaseb li dan kien intbagħat minn xi ħadd mis-superjuri tiegħu, minkejja li din il-ħaġa ma kienet qatt ġrat qabel. Barra minn hekk Parnis ikkonferma li la Etienne Mallia u lanqas Edin Mujic ma kienu taw ordni fis-sens li hu u l-attur kellhom imorru jġibu t-*trailer* flimkien. Min-naħa tagħhom id-diriġenti tas-soċjetà konvenuta ċaħdu b'mod kategoriku li huma kienu bagħtu lill-attur mas-sewwieq tat-*tugmaster* jew li kien hemm xi okkażjonijiet oħrajn fejn kienu għamlu dan.

Il-fatt li l-attur korra fil-mument li skiddja t-*tugmaster* misjuq minn Leandro Parnis, impjegat tas-soċjetà konvenuta, minnu nnifsu m'għandux iwassal biex ir-responsabbiltà għall-korriment tal-attur tiġi mgħobbija awtomatikament fuq is-soċjetà konvenuta, jekk jiġi stabbilit li l-attur ma kellux ikun fejn kien fil-mument li skiddja t-*tugmaster*. Ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u joqgħod f'kull ħin attent

għal dak li jkun qiegħed jagħmel.[55] Fuq kollox il-ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u m'għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew korriment lilu u 'l dawk ta' madwaru.[56] Skont ir-regola aċċettata fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna *volenti non fit iniuria*, ċjoè jekk il-parti li sofriet id-danni tkun għażlet minn rajha u b'mod volontarju li tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu, ma tistax imbagħad titlob il-kumpens għal dak li seta' gralha minħabba l-imsemmi periklu. L-element tal-volontarjetà f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti li sofriet il-korriment, huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn att ta' ubbidjenza għall-istruzzjonijiet mogħtija mis-superjuri tagħha fuq il-post tax-xogħol.[57]

*Onus incumbit ei qui dixit.* Il-Qorti tqis illi in vista tal-fatt li l-asserzjoni prinċipali tal-attur li fuqha bbaża t-talbiet tiegħu, li fil-mument li seħħ l-inċident mertu tal-kawża, huwa kien bilqiegħda wara l-kabina tat-*tugmaster* fuq inkarigu tas-superjuri tiegħu jew għax kien qiegħed isegwi xi proċedura stabbilita mill-prinċipal tiegħu, bl-ebda mod ma ġiet ikkorraborata u ma ġietx ippruvata lanqas fuq bażi ta' probabbiltajiet. Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda. Is-soċjeta konvenuta m'għandhiex tinżamm responsabli għall-korriment tal-attur ladarba dan meta tela' fuq wara tal-kabina tat-*tugmaster* u espona ruħu għar-riskju evidenti li jisfa mgħaffeġ bejn it-*trailer* u t-trakk, ma kienx għamel dan fuq inkarigu ta' xi wieħed mis-superjuri tiegħu bħala parti mix-xogħol tiegħu mas-soċjetà konvenuta.

Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tgħaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet talbiet attriċi ladarba l-ewwel talba attriċi mhijiex qed tiġi milqugħa.

---

[55] P.A., 30.10.2008, **Richard Farrugia *vs.* Elbros Construction Limited**.
[56] P.A., 09.10.2003, **Kevin Mallia *vs.* Alf Mizzi & Sons Limited.**
[57] P.A., 07.12.2004, **Carmel Polidano *vs.* Korporazzjoni Enemalta.**

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-ewwel talba tal-attur u ssib li l-attur kien unikament responsabbli għall-korriment tiegħu stess waqt l-inċident li seħħ fit-3 ta' Jannar, 2012 fi Triq il-Pitkali, Attard;**

2. **Tiċħad it-tieni u t-tielet talba tal-attur billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-attur.**

Moqrija.